

31998D0437

10.7.1998

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 194/39

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' Ġunju 1998

**dwar il-proċedura għall-attestazzjoni tal-konformità tal-prodotti għall-bini permezz ta' l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE fir-rigward kisi intern u estern ta' ħitan u soqfa**

(innotifikata taħt id-dokument numru Ċ (1998) 1611)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(98/437/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE ta' l-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw il-prodotti għall-bini<sup>(1)</sup>, kif emendata bid-Direttiva 93/68/KEE<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4) tagħha,

Billi l-Kummissjoni hi mitluba tagħżel, bħal bejn iż-żewġ proċeduri skond l-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 89/106/KEE għall-attestazzjoni tal-konformità tal-prodott, "il-proċedura l-inqas oneruża possibbli konsistenti mas-sigurtà"; billi dan ifisser li jeħtieġ li jkun deċiż jekk, għal xi prodott partikolari jew familja ta' prodotti, l-eżistenza ta' sistema tal-kontroll tal-produzzjoni tal-fabbrika taħt ir-responsabbiltà ta' fabbrikant hija kundizzjoni meħtieġa u suffiċjenti għall-attestazzjoni tal-konformità, jew jekk, għal raġunijiet marbuta mal-konformità mal-kriterji msemmija fl-Artikolu 13(4), l-intervent ta' korp appropvat ta' ċertifikazzjoni hu għalhekk meħtieġ;

Billi l-Artikolu 13(4) jeħtieġ li l-proċedura hekk iddeterminata għandha tiġi murija fil-mandati u fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi; billi, għalhekk, huwa mixtieq li jkun definit il-kunċett ta' prodotti jew familja ta' prodotti kif użat fil-mandati u fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi;

Billi iż-żewġ proċeduri li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 13(3) huma deskritti fid-dettal fl-Anness III tad-Direttiva 89/106/KEE; billi għalhekk jeħtieġ li jiġu speċifikati sewwa l-metodi li bihom iż-żewġ proċeduri għandhom ikunu mwettqa, b'referenza għall-Anness III, għal kull prodott jew familja ta' prodotti, la darba l-Anness III jagħti preferenza lil ċerti sistemi;

Billi l-proċedura riferita fil-punt (a) ta' l-Artikolu 13(3) tikkorrispondi mas-sistemi elenkata fl-ewwel possibiltà, mingħajr sorveljanza kontinwa, u t-tieni u tielet possibiltajiet tal-punt (ii) tas-Sezzjoni 2 ta' l-Anness III, u l-proċedura riferita fil-punt (b) ta' l-Artikolu 13(3) tikkorrispondi mas-sistemi stabbiliti fil-punt (i) tas-Sezzjoni 2 ta' l-Anness III, u fl-ewwel possibiltà, b'sorveljanza kontinwa, tal-punt (ii) tas-Sezzjoni 2 ta' l-Anness III;

Billi l-miżuri li hemm disposizzjoni dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Bini,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

Il-prodotti u familji ta' prodotti elenkati fl-Anness I għandhom ikollhom il-konformità tagħhom attestata bi proċedura li biha l-fabbrikant għandu taħt ir-responsabbiltà unika tiegħu is-sistema ta' kontroll tal-produzzjoni tal-fabbrika li tassigura li l-prodott huwa konformi mal-karatteristiċi tekniċi rilevanti.

## Artikolu 2

Il-prodotti elenkati fl-Anness II għandhom ikollhom il-konformità tagħhom attestata bi proċedura li permezz tagħha, barra mis-sistema tal-kontroll tal-produzzjoni tal-fabbrika mwettqa mill-fabbrikant, korp approvat tal-attestazzjoni jkun involut fil-valutazzjoni u s-sorveljanza tal-kontroll tal-produzzjoni jew tal-prodott innifsu.

## Artikolu 3

Il-proċedura għall-attestazzjoni tal-konformità kif stabbilita fl-Anness III għandha tkun indikata fil-mandati għal *standards* armonizzati.

## Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, it-30 ta' Ġunju 1998.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 40, tal-11.2.1989, p. 12.

<sup>(2)</sup> ĠU L 220, tat-30.8.1993, p. 1.

## ANNEX I

Panewijiet intiżi għall-użu bħala kisi intern jew estern, bħala elementi kompluti, għall-protezzjoni min-nar ta' ħitan u soqfa.

Soffitti (settijiet) intiżi għall-użu bħala kisi intern jew estern għall-protezzjoni min-nar ta' soqfa.

Panewijiet intiżi għall-użu bħala elementi webbiesa interni jew esterni f'ħitan u soqfa.

Madum u panewijiet, ta' materjal m qarqaċ, intiż għall-użu bħala kisi intern u estern f'ħitan jew soqfa soġġetti għall-kundizzjonijiet meħtieġa kontra d-disgrazzji minn oġġetti li jaqtgħu.

Soffitti (settijiet) intiżi għall-użu bħala kisi intern jew estern f'soqfa soġġetti għall-kundizzjonijiet meħtieġa ta' użu b'sigurtà.

Madum u panewijiet intiżi għall-użu f'soffitti interni jew esterni soġġetti għall-kundizzjonijiet meħtieġa ta' l-użu b'sigurtà.

Profili iddisinjati u gwarniċi li jiddendlu intiżi biex jerfġu il-kisi intern jew estern ta' ħitan jew soqfa u soffitti soġġetti għall-kundizzjonijiet meħtieġa ta' użu b'sigurtà.

Kisi għal-ħitan f'rollijiet u kisi għas-soqfa, ta' materjal tal-klassijiet A<sup>(1)</sup>, B<sup>(1)</sup>, C<sup>(1)</sup>, A (mingħajr ittestjar), D, E u F, intiżi biex jintużaw bħala raffinar interni f'ħitan u f'soqfa soġġetti għar-regolamenti dwar ir-reazzjoni għan-nar.

Xaħx u ċangaturi li jintlibsu, ta' materjal tal-klassijiet A<sup>(1)</sup>, B<sup>(1)</sup>, C<sup>(1)</sup>, A (mingħajr l-ittestjar), D, E u F, intiżi biex jintużaw bħala raffinar esterni f'ħitan u f'soqfa soġġetti għar-regolamenti tar-reazzjoni għan-nar.

Soffitti (settijiet), b'użu ta' komponenti ta' materjal tal-klassijiet A<sup>(1)</sup>, B<sup>(1)</sup>, C<sup>(1)</sup>, A (mingħajr l-ittestjar), D, E u F, intiżi biex jintużaw bħala kisi intern jew estern f'soqfa soġġetti għar-regolamenti tar-reazzjoni għan-nar.

Madum, zoklaturi u panewijiet, ta' materjal tal-klassijiet A<sup>(1)</sup>, B<sup>(1)</sup>, C<sup>(1)</sup>, A (mingħajr l-ittestjar), D, E u F, intiżi biex jintużaw bħala kisi intern u estern f'ħitan u f'soqfa soġġetti għar-regolamenti tar-reazzjoni għan-nar.

Profili ddisinjati u gwarniċi jiddendlu ta' materjal tal-klassijiet A<sup>(1)</sup>, B<sup>(1)</sup>, C<sup>(1)</sup>, A (mingħajr l-ittestjar), D, E u F, intiżi biex jintużaw bħala bażi tar-kisi intern jew estern ta' ħitan u ta' soqfa, jew ta' soffitti, soġġetti għar-regolamenti tar-reazzjoni għan-nar.

Soffitti (settijiet) intiżi għall-użu bħala kisi intern jew estern f'soqfa soġġetti għar-regolamenti dwar is-sustanzi perikolużi<sup>(2)</sup>.

Madum, xaħx, zoklaturi, ċangaturi li jintlibsu u panewijiet intiżi għall-użu bħala kisi intern jew estern f'ħitan jew f'soqfa, kif relevanti, soġġetti għar-regolamenti dwar is-sustanzi perikolużi<sup>(2)</sup>.

Soffitti (settijiet) intiżi għall-użu bħala kisi intern jew estern f'ħitan u f'soqfa soġġetti għal użi differenti imsemmija fil-mandat<sup>(3)</sup>.

Kisi tal-ħitan f'rollijiet, kisi tas-soqfa, madum, xaħx, zoklaturi, ċangaturi li jintlibsu u panewijiet intiżi għall-użu bħala kisi intern jew estern f'ħitan jew f'soqfa għal użu ieħor imsemmi fil-mandat<sup>(3)</sup>.

Profili ddisinjati u gwarniċi li jiddendlu intiżi għall-użu bħala bażi tar-kisi intern jew estern ta' ħitan jew ta' soqfa, jew ta' soffitti, għal-użu ieħor imsemmi fil-mandat<sup>(3)</sup>.

<sup>(1)</sup> Materjal li reazzjoni tiegħu għan-nar hi suxxettibbli għal tibdil matul il-proċess tal-produzzjoni.

<sup>(2)</sup> B'mod partikolari, dawk is-sustanzi perikolużi definiti fid-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE, kif emendata.

<sup>(3)</sup> Użu ieħor maħsub koperti bil-mandat huma: għall-kontroll tal-fwar, għall-kontroll tal-penetrazzjoni ta' l-ilma, għall-kontroll akustiku u għall-kontroll termali.

## ANNEX II

Kisi għal-ħitan frollijiet u kisi għas-soqfa, madum, ta' materjal tal-klassijiet A <sup>(1)</sup>, B <sup>(1)</sup>, Ċ <sup>(1)</sup>, intiżi biex jintużaw bħala kisi intern f'ħitan jew f'soqfa soġġetti għar-regolamenti tar-reazzjoni għan-nar.

Xaħx u ċangaturi li jintlibsu, ta' materjal tal-klassijiet A <sup>(1)</sup>, B <sup>(1)</sup>, Ċ <sup>(1)</sup>, intiżi biex jintużaw bħala raffinar esterni f'ħitan jew f'soqfa soġġetti għar-regolamenti tar-reazzjoni għan-nar.

Soffitti (settijiet), b'użu ta' komponenti ta' materjal tal-klassijiet A <sup>(1)</sup>, B <sup>(1)</sup>, Ċ <sup>(1)</sup>, intiżi biex jintużaw bħala kisi intern jew estern f'soqfa soġġetti għar-regolamenti tar-reazzjoni għan-nar.

Madum, zoklaturi u panewijiet, ta' materjal tal-klassijiet A <sup>(1)</sup>, B <sup>(1)</sup>, Ċ <sup>(1)</sup>, intiżi biex jintużaw bħala kisi intern u estern f'ħitan jew f'soqfa soġġetti għar-regolamenti tar-reazzjoni għan-nar.

Profili ddisinjati u gwarniċi li jiddendlu ta' materjal tal-klassijiet A <sup>(1)</sup>, B <sup>(1)</sup>, Ċ <sup>(1)</sup>, intiżi biex jintużaw bħala bażi tar-kisi intern jew estern ta' ħitan jew ta' soqfa, jew ta' soffitti, soġġetti għar-regolamenti tar-reazzjoni għan-nar.

---

<sup>(1)</sup> Materjal li reazzjoni tiegħu għan-nar hi suxxettibbli għal tibdil matul il-proċess tal-produzzjoni.

## ANNEX III

Nota: għal prodotti li għandhom aktar minn użu intiż wieħed speċifikat fil-familji li ġejjin, ir-responsabbiltajiet għall-korp approvat, li toriġina mis-sistemi rilevanti tal-attestazzjoni tal-konformità, huma kumulattivi.

FAMILJA TA' PRODOTTI  
KISI INTERN U ESTERN TAL-ĦITAN U TAS-SOQFA (1/5)

1. Sistemi għall-attestazzjoni tal-konformità

Għall-prodott(i) u l-użu(i) intiż elenkati hawn taħt, is-CEN/Cenelec huma mitluba jspecifikaw is-sistema(i) li ġejjin tal-attestazzjoni tal-konformità ma' l-istandard(s) armonizzat(i) rilevanti:

Prodott(i)	Użu(i) ntiżi	Livell(i) jewklassi(jiet) (reżistenza għan-nar)	Sistema(i) ta' attestazzjonital-konformità
<b>Panewijiet</b>	Bħala kisi intern jew estern, bħala elementi kompleti, użati għall-protezzjoni min-nar ta' ħitan jew ta' soqfa.	Kwalunkwe	3
<b>Soffitti (settijiet)</b>	Bħala kisi intern u estern użata bħala protezzjoni min-nar ta' soqfa	Kwalunkwe	

Sistema 3 : Ara d-Direttiva 89/106/KEE, l-Anness III (2) (ii), it-tieni possibiltà.

2. Il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu applikati mis-CEN dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-attestazzjoni tas-sistema tal-konformità.

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun b'tali mod li tkun tista' titwettaq ukoll meta l-imġieba ma jkunx hemm bżonn li tkun stabbilita għal xi karatteristika partikolari, għaliex ta' l-anqas Stat Membru wieħed m'għandu l-ebda hteġa legali għal karatteristika bħal din (ara l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE u, meta applikabbli, il-punt 1,2,3 tad-dokumenti interpretattivi). F'dawk il-każi il-verifika ta' karatteristika bħal din m'għandiex tkun mposta fuq il-fabbrikant jekk dan ma jkunx jixtieq jiddikjara l-imġieba tal-prodott f'dan ir-rigward.

FAMILJA TA' PRODOTTI  
KISI INTERN U ESTERN TAL-ĦITAN U TAS-SOQFA (2/5)

**1. Sistemi ta' ċertifikazzjoni tal-konformità**

Għall-prodott(i) u l-użu(i) intiż elenkati hawn taħt, *CEN/Cenelec* huma mitluba li jspesifikaw is-sistema(i) li ġejjin tal-attestazzjoni tal-konformità ma' l-*istandard(s)* armonizzat(i) relevanti:

Prodott(i)	Użu(i) intiż	Livell(i) jew klassi(jiet)	Sistema(i) ta' attestazzjoni tal-konformità
<b>Panewijiet</b>	Bħala elementi webbiesa interni jew esterni fil-hitana jew fis-soqfa	—	3
<b>Madum Panewijiet</b> (ta' materjal mqarqaċ)	Bħala kisi intern u estern f'hitana jew f'soqfa soġġetti għall-ħtiġiet kontra disgrazzji minn oġġetti li jaqtgħu		
<b>Soffitti (settijiet)</b>	Bħala kisi intern u estern fis-soqfa soġġetti għall-ħtiġiet ta' sigurtà fl-użu.		
<b>Madum Panewijiet</b>	F'soffitti interni jew esterni soġġetti għall-ħtiġiet ta' sigurtà fl-użu.		
<b>Profili ddisinjati u gwarniċi mdendla</b>	Bħala bażi tal-kisi intern jew estern ta' hitana jew ta' soqfa u ta' soffitti soġġetti għall-ħtiġiet ta' sigurtà fl-użu.		

Sistema 3 : Ara d-Direttiva 89/106/KEE, l-Anness III(2)(ii), it-tieni possibiltà.

**2. Il-kondizzjonijiet li għandhom ikunu applikati mis-CEN dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-attestazzjoni tas-sistema tal-konformità.**

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun b'tali mod li tista' titwettaq ukoll meta l-imġieba ma tkun teħtieġ li tiġi ddeterminata għal xi karatteristika partikolari, għaliex ta' l-anqas Stat Membru wieħed m'għandu ebda ħtieġa legali għal karatteristika bħal din (ara l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE u, meta applikabbli, il-punt 1,2,3 tad-dokumenti interpretattivi). F'dawn il-każi il-verifika ta' karatteristika bħal din m'għandiex tkun mposta fuq il-fabbrikant jekk dan ma jkunx jixtieq jiddikjara l-imġieba tal-prodott f'dan ir-rigward.

## FAMILJA TA' PRODOTTI

## KISI INTERN U ESTERN TAL-ĦITAN U TAS-SOQFA (3/5)

## 1. Sistemi tal-attestazzjoni tal-konformità

Għall-prodott(i) u l-użu(i) intiż elenkati hawn taħt, CEN/CENElec huma mitluba li jispesifikaw is-sistema(i) li ġejjin tal-attestazzjoni tal-konformità ma' l-istandard(s) armonizzat(i) relevanti:

Prodott(i)	Użu intiż	Livell(i) jew klassi(ijiet) (reazzjoni għan-nar) <sup>(1)</sup>	Sistema(i) ta' attestazzjoni tal-konformità
<b>Kisi F'rollijiet Inforor</b>	Bħala raffinatura interna f'hitana jew f'soqfa soġġetti għar-regolamenti tar-reazzjoni għan-nar	A (*), B (*) u Ċ (*)	1
<b>Xaħx Ċangaturi għat-tlibbis</b>	Bħala raffinatura esterna f'hitana jew soqfa soġġetti għar-reazzjoni għar-regolamenti tan-nar		
<b>Soffitti (settijiet)</b>	Bħala kisi intern u estern f'soqfa soġġetti għar-regolamenti tar-reazzjoni għan-nar	A (**), B (**), u Ċ (**)	3
<b>Madum Zokklaturi Panewijiet</b>	Bħala kisi intern u estern f'hitana jew f'soqfa soġġetti tar-regolamenti tar-reazzjoni għan-nar		
<b>Profili ddisinjati Gwarniċi li jiddendlu</b>	Bħala bażi tar-kisi intern jew estern għall-hitana jew għas-soqfa, jew għas-soffitti, soġġetti għar-regolamenti tar-reazzjoni għan-nar.	A (mingħajr ittestjar), D, E, u F	4

Sistema 1 : Ara d-Direttiva 89/106/KEE, l-Anness III(2)(i), mingħajr *audit-testing* tal-kampjuni.

Sistema 3 : Ara d-Direttiva 89/106/KEE, l-Anness III(2)(ii), it-tieni possibiltà.

Sistema 4 : Ara d-Direttiva 89/106/KEE, l-Anness III(2)(iii), it-tielet possibiltà.

<sup>(1)</sup> Għar-reazzjoni għan-nar, ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/611/KE

(\*) Materjal li għalih ir-reazzjoni għan-nar hi suxxettibbli għal tibdil matul il-proċess tal-produzzjoni.

(\*\*) Materjal li għalih ir-reazzjoni għan-nar mhix suxxettibbli għal tibdil matul il-proċess tal-produzzjoni.

## 2. Il-kondizzjonijiet li għandhom ikunu applikati mis-CEN dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-attestazzjoni tas-sistema tal-konformità.

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun b'tali mod li tista' titwettaq ukoll meta l-imġieba ma jkollhiex bżonn jiġi stabbilit għal xi karatteristika partikolari, għaliex ta' l-anqas Stat Membru wieħed m'għandu ebda hteġa legali għal karatteristika bħal din (ara l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE u, meta applikabbli, il-punt 1,2,3 tad-dokumenti interpretattivi). F'dawn il-każi il-verifika ta' karatteristika bħal din m'għandiex tkun mposta fuq il-fabbrikant jekk dan ma jkunx jixtieq jiddikjara l-imġieba tal-prodott f'dan ir-rigward.

## FAMILJA TA' PRODOTTI

**KISI INTERN U ESTERN TAL-ĦITAN U TAS-SOQFA (4/5)****1. Sistemi tal-attestazzjoni tal-konformità**

Għall-prodott(i) u l-użu(i) intiż elenkati hawn taħt, is-CEN/CENelec huma mitluba jispesifikaw is-sistema(i) li għejjin tal-attestazzjoni tal-konformità ma' l-istandard(s) armonizzat(i) relevanti:

Prodott(i)	Użu intiż	Livell(i) jew klassi(jiet)	Sistema(i) ta' attestazzjoni tal-konformità
<b>Soffitti (settijiet)</b>	Bħala raffinar interni jew esterni fil-hitana jew fis-soqfa soġġetti għar-regolamenti dwar sustanzi perikolużi (*)	—	3
<b>Madum Xaħx Zuklaturi Ċangaturi għal kisi Panewijiet</b>	Bħala kisi intern jew estern f'hitana jew soqfa, kif rilevanti, soġġetti għar-regolamenti dwar is-sustanzi perikolużi (*)		

Sistema 3 : Ara d-Direttiva 89/106/KEE, l-Anness III(2)(ii), it-tieni possibiltà.

(\*) B'mod partikolari, dawk is-sustanzi perikolużi kif definiti fid-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE, kif emendata.

**2. Il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu applikati mis-CEN dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-attestazzjoni tas-sistema tal-konformità.**

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun b'tali mod li tista' titwettaq ukoll meta l-imġieba ma jkollhiex bżonn tiġi stabbilit għal xi karatteristika partikolari, għaliex ta' l-anqas Stat Membru wieħed m'għandu l-ebda hteġa legali għal karatteristika bħal din (ara l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE u, meta applikabbli, il-punt 1,2,3 tad-dokumenti interpretattivi). F'dawn il-każi il-verifika ta' karatteristika bħal din m'għandiex tiġi mposta fuq il-fabbrikant jekk dan ma jkunx jixtieq jiddikjara l-imġieba tal-prodott f'dan ir-rigward.

FAMILJA TA' PRODOTTI  
KISI INTERN U ESTERN TAL-ĦITAN U TAS-SOQFA (5/5)

1. **Sistemi tal-attestazzjoni tal-konformità**

Għall-prodott(i) u l-użu(i) intiż elenkati hawn taħt, is-CEN/CENElec huma mitluba jispeċifikaw is-sistema(i) li ġejjin tal-attestazzjoni tal-konformità ma' l-istandard(s) armonizzat(i) relevanti:

Prodott(i)	Użu intiż	Livell(i) jew Klassi(jiet)	Sistema(i) ta' attestazzjoni tal-konformità
<b>Soffitti (settijiet)</b>	Bħala kisi intern u estern f'soqfa għal-użu ieħor imsemmi fil-mandat <sup>(1)</sup>		
<b>Kisi għall-ħitani f'rollijiet</b> <b>Kisi għas-soqfa</b> <b>Madum</b> <b>Xaħx</b> <b>Zoklaturi</b> <b>Ġangaturi tal-kisi</b> <b>Panewijiet</b>	Bħala kisi intern u estern f'ħitani jew soqfa għal użu ieħor imsemmi fil-mandat <sup>(1)</sup>	—	4
<b>Profili ddisinjati</b> <b>Gwarniċi mdendla</b>	Bħala bażi tal-kisi intern jew estern tal-ħitani jew tas-soqfa, jew tas-soffitti, għal użu ieħor imsemmi fil-mandat <sup>(1)</sup>		

Sistema 4 : Ara d-Direttiva 89/106/KEE, l-Anness III(2)(ii), it-tielet possibiltà.

<sup>(1)</sup> Użu ieħor intiż kopert mill-mandat hu: għall-kontroll tal-fwar, għall-kontroll tal-penetrazzjoni ta' l-ilma, għall-kontroll akustiku u għall-kontroll termiku.

2. **Il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu applikati mis-CEN dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-attestazzjoni tas-sistema tal-konformità.**

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun b'tali mod li tkun tista' titwettaq ukoll meta l-imġieba ma jkollhiex bżonn li tiġi stabbilita għal xi karatteristika partikolari, għaliex ta' l-inqas Stat Membru wieħed m'għandu l-ebda hteġa legali għal karatteristika bħal din (ara l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE u, meta applikabbli, il-punt 1,2,3 tad-dokumenti interpretattivi). F'dawn il-każi il-verifika ta' karatteristika bħal din m'għandix tiġi mposta fuq il-fabbrikant jekk dan ma jkunx jixtieq jiddikjara l-imġieba tal-prodott f'dan ir-rigward.